# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Jannar, 2016**

**Rikors Numru 420/2012**

**Johncar Company Limited**

**vs**

**Philip George Degiorgio (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 996048 (M)), Marthese Degiorgio (dententrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 611365 (M)) u l-kumpanija Rickard Company Limited (C 11653)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-27 t'April, 2012, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti hemm indikat sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' att notarili datat iz-17 ta' Frar, 2006, in atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, l-intimati kkostitwew ruhhom bhala debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tlett mija u disgha u hamsin elf, tmin mija tmienja u tmenin Ewro, u dsatax il-centezmu, (€359,888.19), flimkien ma imghax skont il-ligi mis-sbatax ta' Frar, 2004, (ara foll 4);

1.2. Illi fl-istess att notarili indikat fil-paragrafu precedenti s-socjeta` intimata fuq indikata ikkostitwiet ruhha garanati solidali ma' l-intimati l-ohra favur is-socjeta` rikorrenti li accettat, u dan ghall-ammont u ghall-imghax hemm ukoll indikat;

1.3. Illi l-intimati qatt ma hallsu d-debitu in dizamina jew parti minnhu;

1.4. Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att notarili *de quo*;

1.5. Illi ghalhekk din il-procedura hi *ai termini* ta' l-artiklu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex is-socjeta` rikorrenti tigi awtorizzata tezegwixxi t-tiltolu ezekkuttiv *de quo* kontra l-intimati;

1.6. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tezegwixxi t-titolu ezekuttiv kostitwit favur taghha permezz tal-att notarili fuq riferit;

1.6.2. Prevja kull provediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata t-12 ta' Gunju, 2012, li permezz taghha rrispondew sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

2.2. Illi matul iz-zmien il-kontendenti kienu jikkummercjaw flimkien;

2.3. Illi kull ma ircevew l-intimati kien l-ammont ta' sebgha u sittin elf Lira Maltin, (Lm67,000.00), (ara foll 35);

2.4. Illi l-intimati hallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' mija u sitta u sebghin elf tlett mija u sitta u sittin Lira Maltija, u erbgha u ghoxrin centezmu, (Lm176,366.24), (ara foll 36);

2.5. Illi l-intimati hallsu in eccess lir-rikorrenti *Giordmaina nomine* is-somma ta' mitejn u erbgha u hamsin elf seba` mija u erbgha u hamsin Ewro u wiehed u tmenin centezmu, (€254,754.81), (ara foll 41);

2.6. Illi hu pacifiku li l-intimati ffirmaw il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), izda dan pero` bl-intiza li ma jigix esegwit *stante* li l-kreditu kollu kien ilu li gie saldat;

2.7. Illi l-kuntratt *de quo* ma kienx jirrispekkja r-realta` u sar biss minhabba finijiet ulterjuri;

2.8. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu, fuq talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 598);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata l-31 ta' Lulju, 2015, (ara foll 609), blimkien mas-sottomissjonijiet skritti tal-intimati datati d-29 ta' Settembru, 2015, (ara foll 758);

5. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi pprezentati in atti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati hemm ukoll pprezentati;

6. Semghet ix-xhieda prodotti;

7. Hadet konjizzjoni tal-verbal datat il-21 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom;

Ikkunsidrat:

8. Illi fl-essenzjalita` taghha din il-kawza giet intavolata a bazi ta' l-artiklu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex tramite l-istess il-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datat iz-17 ta' Frar, 2006, jerga` jigi rez ezegwibbli bhala titolu ezekuttiv *stante* li ghadda perjodu t'aktar minn tlett (3) snin minn meta l-imsemmi kuntratt kien gie konkluz, (ara foll 4);

9. Illi f'dan ir-rigward l-artiklu 253(b) tal-istess Kap 12 fuq indikat jistabbilixxi li kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku ta' Malta jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-istess kuntratt ikun dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt, huma titoli esekuttivi;

10. Illi in vista tal-premess *ai termini* ta' l-artiklu 258(c) tal-Kap 12 fuq riferit, meta jirrizulta li ghadda perjodu ta' tlett (3) snin mid-data li t-titolu esekuttiv seta` jigi esegwit, l-esekuzzjoni tieghu tista` biss issir wara talba appozita lill-qorti kompetenti, u dan, permezz ta' rikors;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi *di piu`*, fil-kazijiet in dizamina, r-rikorrenti ghandu:

11.1. Jew jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn lilhu dovut jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha;

11.2. U li d-dejn in dizamina jew parti minnhu jkun ghadu dovut;

12. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c.*** vs. ***Multi Investments Limited*** et, datata l-31 ta' Mejju, 2012, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili stabbiliet is-segwenti:

> "Dak li jrid jigi mistharreg u deciz hu biss jekk jezistix titolu ezekuttiv a bazi tal-artiklu 253(b) tal-Kap 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu ghadux vigenti u li d-debitu jew parti minnu ghadu dovut. Jekk ir-risposta ghal dawn il-kweziti hi fl-affermattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerga` jigi rez ezekuttiv. Billi jkun skada t-terminu li fih dan it-titolu skont il-ligi seta` jigi ezegwit kontra d-debitu, il-ligi terga` ggedded a bazi tal-artiklu 258 tal-Kap 12 l-ezegwibilita` tat-titolu ezekuttiv";

Ikkunsidrat:

13. Illi oltre l-kuntratt fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), jirrizulta wkoll li l-partijiet kienu rredigew skrittura privata datata is-17 ta' Frar, 2004, (ara foll 176), li permezz taghha l-istess intimati konjugi Degiorgio kienu rrendew irwiehhom certi u likwidi debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' Lm154,500.00, oltre l-imghaxijiet dovuti fir-rigward mid-data tal-istess skrittura;

14. Illi permezz tal-kuntratt in dizamina datat ukoll is-17 ta' Frar, izda tal-2006, (ara foll 4) l-istess partijiet hawn kontendenti regghu irriaffermaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata msemmija fil-paragrafu precedenti, u din id-darba kienet ukoll inkluza s-socjeta` intimata bhala garanti tal-intimati;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi rigward l-ammont ta' flus li l-intimati rcevew jista` jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi l-intimati jsostnu li rcevew biss Lm67,000.00, (ara foll 35);

15.2. Illi pero` fil-kuntratt fuq riferit gie affermat li l-intimati u l-garanti solidali hemm indikati rrendew ruhhom certi u likwidi debituri ghall-ammont ta' Lm154,500.00, u dan, addirittura f'zewg okkazzjonijiet f'zewg paragrafi sussegwenti, (ara foll 5);

Ikkunsidrat:

16. Illi *di piu`*, l-intimati jsostnu li gia` hallsu l-ammont minnhom dovut lis-socjeta` rikorrenti, anzi, li addirittura halsuha ammont aktar minn dak minnhom lilha dovut, (ara foll 46 u 54 sa 163 u 166), u dan permezz ta' kambjali, cekkijiet u *bank draft*;

17. Jirrizulta pero` li l-istess pagamenti kollha sehhew qabel is-17 ta' Frar, 2004, u konsegwentement ukoll qabel is-17 ta' Frar, 2006;

18. Illi jigi ghalhekk sottolineat li fil-kuntratt in dizamina tas-17 ta' Frar, 2006, gie specifikatament sottolineat li sa dik il-gurnata:

> "... ghadu ma thallas xejn mil-ammont dovut lill-kreditur", (ara foll 5);

Ikkunsidrat:

19. Illi tenut kont ta' dak pattwit fl-imsemmi kuntratt, il-firmatarji tal-istess huma marbutin mal-affermazzjonijiet hemm minnhom stess maqbula;

20. Illi konsegwentement ghandu allura jkun pacifiku li bhala firmatarji liberi tal-kuntratt in dizamina fuq riferit l-istess partijiet intrabtu b'dak li hemm affermaw u kkonsolidaw bil-firma taghhom;

21. Illi konsegwentement l-istess partijiet hawn kontendenti ghazlu li jintrabtu b'dak li hemm liberament affermaw;

22. Illi in vista tal-istess il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li ghar-raguni fuq indikata tistrieh fuq l-istess affermazzjonijiet u tikkonkludi li effettivament, ma kien sar l-

ebda pagament mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti rigward is-somma lilhom minnha mislufa;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi *di piu`*, l-intimati isostnu li l-kuntratt in dizamina ma jirrispekkjax il-verita`, u allura f'dan is-sens jinghad is-segwenti:

24.1. Illi l-intimat Philip Degiorgio isostni li ffirma l-kuntratt *de quo* taht pressjoni, (ara foll 165 u 166);

24.2. Illi pero` din l-affermazzjoni ma tirrizultax suffragata mir-rizultanzi prodotti in atti;

24.3. Illi *di piu`*, xhud okulari direttament izda oggettivament involut fil-kuntratt in dizamina, in-Nutar Dottor Pierre Cassar, addirittura jixhed bl-aktar mod kategoriku li seta` kien hemm xi tip ta' pressjoni fuq l-intimati, (ara foll 192);

24.4. Illi l-fatt li inhareg mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-intimati fih innifsu ma jammontax ghall-pressjoni kif isostni l-intimat Degiorgio, (ara foll 166);

24.5. Illi f'dan il-kuntest issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti ta' l-Appell Civili fl-ismijiet Aquilina vs. Leone Ganado et, datata s-16 ta' Gunju, 1995, (Kollez. Vol. LXXIX. II. 561***:

> "Huwa maghruf u accettat li t-theddida ta' ...... mizuri kawtelativi legittimi ma tista` qatt issejjes l-element tal-vjolenza li twassal ghall-vizzju tal-kunsens ta' parti kontraenti";

24.6. Illi in effetti:

> "Qui jure suo ulitur neminem fecit injuriam";

Ikkunsidrat:

25. Illi *di piu`*, l-intimat Degiorgio isostni li kien anke hallas imghax lis-socjeta` rikorrenti bir-rata ta' hmistax fil-mija, (15%), (ara foll 167);

26.0. Illi pero` fir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

26.1. Illi l-intimati naqsu li jgibu prova ta' dak minnhom hawn allegat;

26.2. Illi kuntrarju ghall-istess, l-*accountant* u awditur Padovani bil-maqlub isostni s-segwenti:

26.2.1. Illi l-imghaxijiet involuti mitluba mill-intimati huma skont il-ligi, (ara foll 596);

26.2.2. Illi meta l-istess professjonista saqsa lill-partijiet illum kontendenti jekk kienx hemm xi forma ta' uzura, l-istess partijiet jidher li assigurawh li ma kienx hemm, (ara foll 596);

26.2.3. Illi fix-xhieda tieghu l-istess professjonista isostni li jekk jiftakar sew, l-imghax involut kien ibbazat fuq l-ammont ta' tmienja fil-mija, (8%), (ara foll 596);

Ikkunsidrat:

27. Illi ghandu wkoll jigi sottolineat li l-ammont dovut indikat fl-iskrittura ta' Frar, 2004, hu l-istess ammont indikat fil-kuntratt ta' Frar, 2006, indikati aktar qabel;

Ikkunsidrat:

28.0. Illi rigward l-ipoteka li jaghmel referenza ghaliha l-istess intimat, jinghad sintetikament is-segwenti:

28.1. Illi fil-kuntratt taz-17 ta' Frar, 2006, il-firmatarji, llum kontendenti, espressament ezentaw lin-nutar redigenti mill-obbligu statutorju li jirregistra l-ipoteka in dizamina fit-terminu stabbilit mill-ligi, (ara foll 5);

28.2. Illi *di piu`*, espressament ezimew ukoll lill-istess nutar mir-responsabbilita` civili fir-rigward billi tawh mandat irrevokabbli f'dan is-sens, (ara foll 5);

28.3. Illi pero` jirrizulta li fl-istess kuntratt is-socjeta` kreditrici, llum ukoll rikorrenti, zammet id-dritt taghha li f'kull zmien wara l-31 ta' Mejju, 2006, setghet titlob lill-istess nutar biex jirregistra l-ipoteki involuti fir-Registru Pubbliku bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 5), kif fil-fatt jirrizulta li ghamel fuq struzzjonijiet appoziti, (ara foll 192 u 604);

Ikkunsidrat:

29. Illi in vista tas-suespost il-kuntratt datat is-17 ta' Frar, 2006, jirrizulta li hu konformi mal-ligi;

30. Illi *di piu`*, l-istess kuntratt jirrizulta li jissodisfa r-rekwiziti kollha tal-artiklu 253(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

31. Illi in vista tar-rizultanzi kif fuq elenkati jirrizulta wkoll li mid-data tal-istess kuntratt sallum hu sodisfatt wkoll it-terminu indikat mill-artiklu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

32. Illi jirrizulta wkoll hekk assodat li mid-data tal-kuntratt in dizamina, senjatament is-17 ta' Frar, 2006, sallum, ma gie effettwat l-ebda hlas tad-debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti mill-intimati;

33. Illi ghalhekk, it-titolu ezekuttiv in dizamina li nholoq bil-kuntratt *de quo* fuq riferit, ghadu vigenti u jista` ghalhekk jigi legittimament issa esegwit skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

34.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

34.1. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati;

34.2. Takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

34.3. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tezegwixxi it-titolu ezekuttiv kostitwit favur taghha permezz tal-att notarili *in atti* tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datat is-17 ta' Frar, 2006;

34.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**